# IL-KAPPELLA TAS-SAGRAMENT FIL-KNISJA TA' S. PUBLIJU, RABAT

*Kan. Ġwann Azzopardi*

Wara intervall ta' kważi żewġ sekli u nofs, ftit tax-xhur ilu, man-naħa ta' idejk ix-xellugija int u dieħel fil-kappella tas-Sagrament li hemm fil-knisja ta' S.Publiju, sewwasew faċċata tar-Relikwarju , tqegħdet rħama sabiħa maħduma fit-tond b'burdura skolpita u ornata ta' lewn aħmar u bi skrizzjoni b'karattri eleganti . Din l-irħama tfakkar il-kostruzzjoni fl-1753 ta' kappella awtorizzata mill-Grammastru Pinto u esegwita mir-Rettur tal-Grotta Fra Tomaso Sammut b'dedika lill-Aħħar Ċena tal-Mulej. Din l-iskrizzjoni hekk eleganti tippareġġja mat-tnejn l-oħra ukoll fit-tond iżda b'burdura, disinji u karattri suwed li tqegħdu fl-1731 fid-daħla maż-żewġ ġnub tal-Knisja ta' S.Publiju biex ifakkru l-Konsagrazzjoni ta' din l-istess Knisja mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan kif ukoll ta' l-altar tal-Grotta ta' S. Pawl. L-iskrizzjoni li tfakkar il-bini tal-Kappella tas-Sagrament kienet tlestiet ukoll mat-temmija tal-Kappella u ġa kien maħsub għaliha fl-istess post fejn għadha kemm twaħħlet u b'xorti tajba malli nbeda jitħaffer il-ħajt, instab l-ispazju vojt li kien diġa' destinat għaliha. Għaliex ma twaħħlitx dak iż-żmien, narawh fit-tmiem ta' din il-kitba: almenu ġiet konservata bla ma nkisret u mid-depożiti tal-Mużew tal-Parroċċa tqegħdet fil-post li jixirqilha biex tkompli żżejjen dik il-gawhra artistika li hija l-Kappella tas-Sagrament.



*Il-Kappella tas-Sagrament fil-Knisja ta' San Pubbliju*

Il-Knisja preżenti ta' S. Publiju , Knisja Kolleġjata ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' S.Ġwann, inbniet fis-sena 1727 u ġiet konsagrata fl-1731, iżda ma' kellhiex kappella tas-Sagrament, bħalma jkollhom il-Kolleġjati l-oħra fejn is-Sagrament, flok fl-altar maġġur, jinżamm f'kappella apposta. Is-Sagrament kien għal bosta snin jinżamm f'tabernaklu f'nofs l-altar maġġur.

Ta' min iżid hawnhekk li sas-sena 1651 fil-Knisja ta' San Publiju lanqas biss kien jinżamm is-Sagrament : iżda f'dik is-sena fuq inizjattiva tar-Rettur tressqet domanda lill-Granmastru biex, minħabba li f'dak il-post jiġi reċitat l-uffiċċju kuljum, kif ukoll minħabba l-inkonvenjent li, f'kas ta' vjatku ta' reliġjuż, is-Sagrament ikollu jinġieb mill-Parroċċa, isir tabernaklu fuq l-altar fejn jinżamm is-Sagrament. Aktar tard, għall-konvenjenza tal-Kolleġjali l-aktar f'każ ta' mard, is-Sagrament beda jinżamm ukoll fil-Kappella tal-Kunvent .

Fis-sena 1753 il-Kolleġjali Ġerosolimitani ħasbu biex bħal Kolleġjati oħra f'pajjiżna, mal-Knisja tagħhom iżidu wkoll kappella tas-Sagrament. Il-bini ta' din il-kappella ħa sitt xhur, minn Mejju sa Ottubru tas-sena 1753, u l-ispiża tal-kostruzzjoni telgħet għal 796 skudi,4 tari u 5 grani. Il-kummissarji li ħadu ħsieb il-bini kienu l-Kolleġjali Fra Raimondo Camilleri u Fra Antonio Said. Il-ġebel ta' ġewwa ( dak li kellu jinkesa bit-tibjid) - 959 karrettun ġebel - inxtara mill-Barriera tal-Vittoria ta' Andrea Żahra u tħallas bil-prezz ta' żewġ tari kull karrettun ġebel, waqt li l-ġebel ta' barra, li ma kienx destinat biex jinkesa u għalhekk ikun aktar tajjeb, inxtara mill-barriera ta' Mastru Carlo Chirchop ta' Ħaż-Żebbuġ bil-prezz ta' 2 tari u 10 grani kull karrettun. L-istima tal-ġebel saret mill-imgħallem Mro. Sebastiano (Saliba). L-injam għall-pontijiet inġab



*L-Irħama mwaħħla fil-Kappella*

mill-imħażen tal-Ordni u ġie magħzul minn Mro Tomaso Pisano. Il-bennej prinċipali kien Mro Antonio Galdies li kien jitħallas 6 tari kuljum u li kien megħjun minn numru ta' ħaddiema. Jissorvelja x-xogħol kien hemm l-imsemmi Mro Sebastiano li spiss kienu jibgħatu għalih u jħallsu t-trasport tar-rikba tiegħu. Fl-14 ta' Lulju nsibu wkoll ħlas għal pranzu mhux biss għal Mro Sebastiano imma wkoll għall-istess Capomastro ta' l-Ordni, il-kap tal-bini arkitettoniku kollu fi żmien il-Kavallieri, li ġie flimkien ma' ibnu u neputih. Nafu wkoll li darba r-rettur tal-Kulleġġ ġie msejjaħ mill-Gran Prijur ta' l-Ordni biex jati relazzjoni fuq ix-xogħol li kien qed isir.

F'din il-kappella hemm xogħol wisq sabiħ ta' skultura fil-ġebel, fil-frontispizju ta' l-artal, fl-ornamenti ta' l-arkati u fil-lunetti tal-koppla bi xbigħat ta' għeneb u żbul, simboli ta' l-Ewkaristija. Min għamilhom?
Fil-kontijiet tas-sena 1753 jissemma ħlas ta' 6 tari għall-kaless ta furzat (ħabsi) li nġab biex jagħmel l-iskultura; l-isem ta' dan il-forzat lanqas biss jissemma. Jissemma wkoll ħlas ieħor għal trasport fuq xogħol fil-kappella tal-Kunvent , kif ukoll ħlas żgħir għall-gwardjan li akkompanjah Tgħid dan il-forzat kien responsabbli għall-iskultura kollha, hekk sabiħa, qisha bizzilla fina, ta' din il-kappella? U min kien l-arkitett li ddisinja l-kappella?
Ma setax kien l-istess arkitett li ddisinja l-knisja , jiġifieri Mastru Salv Borg tas-Siġġiewi, għax dan laħaq miet fis-sena 1733, sentejn biss wara l-konsagrazzjoni tal-Knisja li bena. Isem l-arkitett tal-kappella qatt ma jissemma ċar imma l-kontijiet iġegħluna naħsbu li kien Mru Sebastiano Saliba li l-Kummissarji kienu jibagħatu għalih ta' spiss u jħallsulu t-trasport ( cavalcatura), li ġie wkoll mal-Capomastro u dam hawn tlett ijjiem , u li fl-aħħar tas-sena b'ordni tal-Grammastru tħallas is-somma sabiħa ta' 16 il-skud u tlett tari' għall-assistenza tiegħu fil-kappella l-ġdida.



*It-Titular: L-Aħħar Ċena.*
*Xogħol tal-Malti F. Zahra.*

La semmejna l-iskultura u qabel ma nduru għal tagħrif ieħor fuq din il-kappella ta' min isemmi li anki fuq barra kien hemm xi skultura. Jekk wieħed jifli sewwa l-ħajt ewlieni tal-kappella minn barra, dak li tara ma' wiċċek meta tasal minn Triq il-Kulleġġ, u li jiġi eżatt wara l-altar tal-kappella, wieħed jara sinjali ta' arma mdaqqsa fin-nofs li tidher li ġiet imtajra. Bħala jidhru mtajrin tlett armi iżgħar fil-parti ta' fuq il-gallerija tal-Kunvent. Nafu li kemm il-Franċiżi fl-1798 kif ukoll l-Ingliżi fil-bidu tal-ħakma tagħhom kienu taw ordni biex jitkissru l-armi tal-ħakkiema ta' qabel. Ma nafux x'kienet l-arma mal-ħajt estern prinċipali tal-kappella tas-Sagrament: aktarx kienet tar-Reliġjon jew tal-Granmastru Pinto. Tkun idea tajba li f'postha issir oħra ġdida tul is-sena kollha jew għallinqas fil-ġranet tal-festa. Żgur li ssebbaħ il-ħajt li mingħajrha jidher wisq vojt u ċatt. Inħoss li ta' min

jipprovaha almenu bħala parti mit-tiżjin tal-festa.

Mill-kontijiet tas-sena 1753 ma jirriżulta ebda ħlas għal tħaffir ta' pedamenti u pedamenti veri u fondi ma tantx setgħu isiru għax kienu jinterferu mal-Grotta u mal-Katakombi wisq antiki li hemm imġenbin magħha. Minħabba f'hekk jirriżulta ċar minn dokument kurjuż li sibt fl-Arkivju ta' l-Ordni (Arch. 5257) li din il-Kappella damet bosta snin ma tintuża għall-quddies u biex fiha tinżamm l-Ewkaristija; anzi kien hemm il-biża' li jkollha terġa' tinħatt għax bla pedamenti sodi. Iżda meta wara ħafna snin ma dehret ebda konsentura, beda jsir użu regolari tagħha bħala kappella tas-Sagrament u hekk baqa' jsir bejn wieħed u ieħor anki meta telqu l-Kavalieri sa ma l-Knisja ta' San Publiju flimkien mal-Grotta ingħaqdet mal-Parroċċa fis-sena 1964.

U mnejn tħallsu l-fondi għall-bini ta' din il-kappella?



*Il-Kwadri Laterali: Il-Kunċizzjoni*



*It-tieni Kwadru Laterali: Sant' Antnin di Padova.*

Il-Fondazzjoni Wignacourt, jiġifieri d-dota ta' artijiet ( l-aktar Ta' Ċenċ, Għawdex) li kien irregala minn flusu l-Grammastru Aloph de Wignacourt meta waqqaf il-Kolleġġjata Ġerosolimitana, amministrata b'mod tant għaqli mill-Kolleġjali (bil-maqlub ta' kif kienet amministrata meta l-beni tagħha ġew inkorporati mal-beni publiċi ta' l-istat u amministrati minn impjegati ingliżi u maltin) kienet florida u b'hekk saru u tħallsu ħafna opri ta' pittura, rħamijiet u fided iżda fl-istess waqt il-Kolleġjali dejjem eskoġitaw kif jiffinanzjaw aħjar il-proġetti tagħhom.

Barra l-Kappellani Konventwali li kienu joffiċjaw il-Grotta, kienet drawwa ta' l-Ordni li jaħtar ukoll Kappillani oħra, mhux Konventwali , imma Kappillani ta' Ubbidjenza taħt it-titolu ta' xi altari, kwadri jew Sagristiji li jinsabu fil-Grotta. Dawn ukoll kienu ntitolati għall-istess ilbies tal-Kappillani l-oħra, (jiġifieri qabel is-sena 1788 spellizza u muzzetta sewda u wara s-sena 1788 rukkett u muzzetta sewda b'buttuni u tberfila ħomor) iżda ma kenux tenuti għas-servizzi u kultant anqas jagħmlu l-professjoni. Bħall-kappillani l-oħra kellhom iħallsu l-"passaggio" għad-dħul. Fis-sena 1753, u rridu naħsbu biex jiġi finanzjat il-bini tal-kappella, twaqqfu sitt kappillani d'obbedienza ġodda taħt dawn it-titoli: it-tlett kwadri ġodda fl-istess kappella , iż-żewg kwadretti

ovali ġodda ta' S. Pietru u S.Pawl li tpoġġew fuq il-bibien laterali tal-Kappella tal-Kunvent u l-istatwa l-ġdida tal-ġebel li turi lil San Pawl jipprietka li tlestiet u tqegħdet fuq il-kwadru titolari tal-Kappella ta' S.Pawl il-Baħar. It-titlu ta' l-altar taċ-Ċena ġie mogħti lid-diskret Ġużeppi Vassallo; dak tal-Kunċizzjoni lid-diskret Ġużeppi Sammut u dak ta' S.Antnin ta' Padova lid-Diskret Gaetano Żarb. It-titoli taż-żewġ kwadretti ovali San Pietru u San Pawl tal-Kappella tal-Kunvent ġew mogħtija lid-diskreti Mario u Salvatore Camilleri. Dawn il-kwadri ġodda li qamu 10 skud il-wieħed illum jinsabu fid-depożitu tal-Mużew. Michelangelo Baldacchino ġie mogħti t-titolu tal-istatwa l-ġdida ta' S.Pawl il-Baħar, illum meqruda bil-gwerra. Kull wieħed minn dawn is-sitt Kappillani l-ġodda ħallas is-somma ta' 150 skud u b'hekk il-Kunvent daħħal is-somma ta' 900 skud li bihom kopra sew l-ispiża tal-ġebel. Snin wara saret reviżjoni mill-Ordni ta' bosta titoli u ħamsa minn dawn it-titoli l-ġodda , fil-fatt kollha barra l-altar taċ-Ċena, ġew soppressi, jiġifieri wara li gawdewhom xi wieħed jew tnejn ma ġewx aktarmogħtija.Biex jieħdu dawn it-titoli il-kandidati li japplikaw għalihom kellhom jissosttomettu ruħhom għall-provi. Dawn sarulhom mill-Kolleġjal Fra Pietro Paolo Schembri li tagħhom irċieva ħlas ta' 30 skud ( 5 skudi għall-kull kappillan) iżda dawn għaddihom ukoll lill-Kulleġġ, din id-darba għar-restawr tas-Sepulkru.



*Dettal: L-artal tal-Kappella*



*Il-Lampier tal-Kappella*

Niġu issa għall-opri li jżejnu din l-arkitettura sabiħa, jiġifieri l-kwadri mpittra, l-altar ta' l-irħam u l-lampier tal-fidda.

Fil-kappella nsibu kwadru titolari taċ-Ċena fuq l-altar maġġur, żewġ kwadri fil-ġnub, bla altari taħthom, li juru lill-Kunċizzjoni u lil Sant'Antnin ta' Padova, - it-tlieta mpinġija minn l-aqwa esponent Malti ta' l-arti Barokka Francesco Vincenzo Żahra, u sottokwadru taħt it-titular, kwadrett ovali mgħotti bi ħġieġa, li juri s-Sagra Familja.

Nibdew mill-aħħar kwadru. l-ovali tas-Sagra Familja. Dan il-kwadrett ta' awtur mhux magħruf kien rigal tar-Rettur Fra Tomaso Sammut, bhala kumpens għal kwadru , aktarx tal- Madonna tal-Providenza , li kien jinsab fuq altar fil-Grotta u li kien spiċċa bl-umdita'. Il-Kolleġjali ddecidew li jagħmlu minn floku kwadru bassoriliev tal-Ġebel li fdawh f'idejn l-iskultur Gaetano Magri tal-Birgu,li qam sitt skudi. Dan il-kwadru li kien faċċata ta' dak ta' S.Trofimu tneħħa biex minn floku jitpoġġa s-Sepulkru u llum , magħruf ukoll bħala l-Madonna tar-Rummiena, jinsab fil-Kulleġġ faċċata tal- Bieb li jagħti għas-sular ta' fuq, fejn hemm ukoll kwadru jixbħu fuq it-tila, ta' Francesco Zahra. Il-kwadru tal-Providenza ta' qabel, li kien qed isofri minn umdita, ir-Rettur Sammut ħadu għalih u floku ta s-sottokwadru tas-Sagra Familja għall-Kappella tas-Sagrament li għadna naraw sallum.

Mit-tlett kwadri ta' Żahra l-ewwel li tlesta kien dak tal-Kunċizzjoni għax f'Diċembru 1954 kien mhux biss tlesta iżda wkoll ittieħed il-Belt ( forsi biex jaraħ il-Granmastru kif kienet id-drawwa). Fl-istess xahar Mastru Lorenzo Magri tħallas ukoll tat-tlett tilari għat-tlett kwadri tal-kappella.

Fl-istess zmien, u sewwasew ftit ġimgħat qabel, fit-23 t'Ottubru, il-prokuratur għamel talba lill-Grammastru biex jordna ż-żewg kwadri l-oħra, jiġifieri ċ-Ċena u S.Antnin ta' Padova kif ukoll lampier tal-fidda għall-kappella l-Ġdida. Il-pittur Żahra tħallas gradatament ta' dawn il-kwadri, bl-ewwel ħlas akkont, ta' 40 skud fid-29 t'Ottubru 1755 u t-tieni u t-tielet fi Frar 1757 b'20 skud akkont u 25 oħra biex tiġi finalizzata l-ispiża totali ta' 85 skud. Il-kwadri bħas-soltu ttieħdu lill-Grammastru qabel ma tqegħdu fil-post. Il-pittur Żahra kien midħla sew tar-Rabat għax daqs għoxrin sena qabel kien tana fil-Knisja ta' S. Pawl żewġ kwadri , dak tas-Sagra Familja, forsi l-isbaħ kwadru tal-Parroċċa , u dak tal-Qalb ta' Ġesu' f'zewġ altari tal-ġnub li għalihom missier il-pittur kien ħadem l-iskultura. U bħalma l-kwadru tas-Sagra Familja ma għamilx għajb lit-titular sabiħ tan-Nawfraġju ta' S.Pawl ta' Erardi, lanqas il-kwadru ta' l-Aħħar Ċena tal-Kappella tas-Sagrament fil-Knisja ta' S.Publiju ma jagħmel għajb lit-titular hekk stupend ta' S.Publiju mpinġi minn Mattia Preti. Dan il-kwadru jixbaħ ukoll lil xogħol ieħor ta' l-istess Zahra u bl-istess suġġett magħmul għal S. Liena f'Birkirkara. Iż-żewġ kwadri l-oħra, il-Kunċizzjoni u l-aktar S.Antnin, huma anqas perfetti u fihom aktarx tinħass il-ħidma tal-bottega ta' Żahra.


*Dettal: It-Tabernaklu*

Il-Kappella tas-sagrament għal bosta snin kellha paviment taċ-ċangatura tal-ġebel ( illum għandha paviment tar-rħam pariġġ dak tal-Knisja ) iżda mill-bidu kellha altar sabih tar-rħam , rigal ta' l-istess Granmastru Pinto. Nammiraw fih il-ġmiel tad-disinn, il-ħxuna tar-rħam, l-iskala ta' kuluri, iż-żewg armi tal-Granmastru fil-ġnub kull waħda maħduma minn biċċa rħam waħda u f'nofsu t-tabernaklu eleganti b'ornamenti tal- bronż u b'bieba li ġġib fiha xbiha sabiħa tas-Salvatur.

Il-Kolleġjali ħasbu wkoll biex jagħnu l-kappella b'lampier tal-fidda. Għalkemm dan ma jġibx il-marka ta' min ħadmu, mill-kontijiet jirriżulta li hu opra ta' l-arġentier Aloysio Fenech. Huwa mdendel fuq tlett ktajjen, iġib l-armi tal-Granmastri Wignacourt u Pinto u jiżen ħames libbri u uqiji ħdax u tlett kwarti.

Ir-rettur Sammut ħaseb ukoll għal irħama li tfakkar il-bini ta' dik il-kappella u fiha naqqax kemm l-isem tal-Grammmastru Pinto kif ukoll tiegħu u nsibu ħlas ta' trasport ta din il-lapida għall-Belt Valletta u lura biex jaraha l-Granmastru, iżda għal xi raġuni ma tpoġġietx. Nafu li dan ir-rettur li għal xi żmien kellu n-nomina ta' Rettur perpetwu kellu xi nkwiet mal-kolleġjali u minkejja n-nomina perpetwa tneħħa mill-kariga. Forsi din kienet ir-raġuni li mħabba fiha l-irħama ma tqegħditx meta saret u kellha tistenna aktar minn 240 sena biex titwaħħal fil-post li fih imħabba l-preġju artistiku u t-tifkira storika tagħha kien jixirqilha li toqgħod.

Nagħlaq b'suġġeriment zgħir. Għal bosta snin dik il-kappella kienet post ta' talb u adorazzjoni. Illum jiġu jżuru l-Grotta u l-Knisja ta' S.Pawl ħafna mijiet ta' turisti, mqanqlin minn kurżita' u forsi xi ftit devozzjoni, iżda bil-maqlub ta' dak li jiġri f'santwarji u ċentri ta' pellegrinaġġi nternazzjonali, m'hemm l-ebda kappella dedikata biss għat-talb u l-kontemplazzjoni ; forsi lanqas il-ġografija tal-lokal ma tħajjar għal dan. Iżda l-Papa meta ġie fostna tana eżempju. Għafas ħafna li l-Grotta għandha tkun ċentru ta' talb. Tista' din il-kappella, forsi protetta b'xi forma ta' bieb, tiġi mibdula f'ċentru ta' talb fejn il-viżitaturi tal-grotta jiġu mħajra jgħaddu ftit mumenti ta' skiet, kontemplazzjoni u għaqda ma' Alla?